# HAL-LUQA LOCAL COUNCIL

# Administrative Report 2013

Including

## Budget 2014

# *ADMINISTRATIVE REPORT 2013*

## 1.0 *Mayor's Letter*

M'inhiex se noqgħod insemmi x-xogħol kollu li għamilna. Li nista ngħid hu li l-Kunsill jiffaċċja ħafna diffikultajiet kemm amministrattivi kif ukoll finanzjarji u bil-budget limitat li l-Kunsill għandu aħna xorta waħda ħaddimna rasna u rajna kif nistgħu ngħelbu kull diffikulta' li kellna ma wiċċna.

Barra s-soltu, x-xogħolijiet li l-Kunsill kellu jwettqa daħlu wkoll r-responsabbilitajiet li l-Gvern daħħal permezz tal-proċess tad-devoluzzjoni, fosthom it-tħaddim tas-sistema tal-wardens, il-proċess tal-manutenzjoni u nsatallazzjoni ta' dawl tat-toroq u facilitajiet oħra bħal ħlas tal-kera tal-Gvern u diversi liċenzji. Dawn is-sistemi kienu ta' piż għall-Kunsill aktar u aktar meta id-dħul tal-wardens ma baqgħux jgħaddu għad il-Kunsill iżda qegħdin għand ir-Reġjuni.

Madan kollu l-iskop tal-Kunsill huwa dak li jtejjeb u jara kif dejjem jista' jaqdi l-bzonnijiet tar-residenti. Dan Kollu qed isir biex titwttaq il-*policy* ta' *one stop shop.*

Għal din is-sena l-Kunsill ibbaża il-ħidma infrastrutturali tiegħu uq zewġ proġetti kapitali li huma l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill - Bini ta' żewġ sulari, lift li ammontaw s' issa € 65,000. Proġett ieħor ta' ċertu portata kien il-*Family Park* f'Ħal Farruġ. Għal dan il-proġett ġew allokalti kważi €300,000 barra €45,000 oħra li l-Kunsill kellu jagħmel tajjeb sabiex isir r-reservoir, kif ukoll biex jinħarġu l-permessi mill-MEPA.

Kellna l-problema ta' l-għargħar fi Triq Anton Falzon fejn kien jisbroffa d-dranaġġ kull meta tagħmel ix-xita . Din il-problema ġiet solvuta, grazzi tal-ħidma li wettaq il-Kunsill. Triq oħra li saret bit-tarmac u bankini ġodda hija Triq Mikielang Sapiano. L-Ispiza kienet tlaħħaq € 75,000 Komplejna nagħmlu l-pressjoni sabiex Patri Indri Schembri tingħata it-tarmac mill-Gvern Ċentrali u nrid ngħid li din ukoll saret. Madankollu il-Kunsill għadu jagħmel talbiet persisteni sabiex dawk it-toroq li konna mwheda isiru sabiex nkomplu ntejbu l-ambjent.

Fl-aħħarnett nixtieq nieħu din l-opportunita biex nirringrazza lil-sħabi l-kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-ħaddiema u l-istaff kollu tal-Kunsill għax-xogħol kollu li wettaqna flimkien. Irrid ukoll nirringrazja lir-residenti kollha għal-appoġġ u l-koperazzjoni li huma tawna u min naħa tiegħi inwedhom li dejjem nibqa nħares u nagħti s-servizz tiegħi lil kull wieħed u waħda li joqgħodu fil-lokalita' ta' Ħal Luqa. GRAZZI

3.0 *Council Areas of Activity*

## Organisation& Responsabilites

The Organisation structure implemented during 2013 has facilitated the day-to-day business of the Council and its Administrative Offices.



## Proġetti Kapitali

Is-sena 2013 kienet mimlija bi proġetti kapitali fejn fost l-oħrajn l-aktar wieħed li bħalissa qed jispikka huwa dak tal-Family Park ġewwa Ħal Farruġ. Dan il-proġett li kien imwiegħed fil-manifest elettorali u jikkonsisti fl-embellishment t' area li qabel kienet mitluqa sabiex issir jogging track jitwaħħlu bandli għat tfal ta kull eta, picnic area u xogħol ta landscaping mill-aqwa.

Għall dan il-proġett s' issa diġa inħarġu € 166,000 fi flus għall equipment, kostruzzjoni u landscaping. Bħalissa ix-xogħol wasal fil-fażijiet finali biex tkun imlestija l-ewwel fażi ta dan il-proġett kbir. Dan se jkun meżż biex b' hekk jkun jista jinbeda l-embellishment tal-area kollha ta' Ħal Farruġ. L-iskop prinċipali huwa biex il-Kunsill jkun jista jipprovdi spazju fejn ir-residenti jkunu jistgħu jirrikrejw ruħhom f' ambjent sabiħ. Bil-faċilitajiet li se jkun fih dan il-ġnien huwa maħsub ukoll biex ikun spazju ta rikreazzjoni ewlieni għan nofsinhar ta' Malta.

Ix-xogħol fuq id-Daycentre tkompla bl-installazjoni tal-lift fuq il-post li se jkun jiswa bħala lift biss madwar € 28,000 barra l-flus li diġa intefqu għal kostruzzjoni. Jonqos issa li jsiru x-xogħolijiet tal-finishing bħal kisi, madum, kmamar tal-banju u servizzi. Ix-xogħol fuq is-servizzi bħalissa qed isir fejn għandu x' jaqsam mal-installazzjoni tad-dawl.

## Ħidma Komunitarja

Żgur li fostkom hawnhekk hawn minn attenda xi korsijiet tal-computer li organiżża l-Kunsill Lokali flimkien mat-TCTC. Dawn il-courses kien hemm bosta differenti adatatti għal etajiet differenti u bżonnijiet differenti. Fis-Sajf saru dawk għat tfal tagħkom u fuq domanda qawwija mill-pubbliku matul ix-Xitwa saru dawk għall adulti. Aparti l-fee ta € 10 li intom tħallsu l-Kunsill Lokali jħallas is-somma ta € 1,100 kull darba aparti l-connection tal-internet € 29 fix-xahar li hija neċessarja biex isiru dawn il-korsijiet.

Inizjattiva oħra li issa ilha issir għal diversi snin għax kienet suċċess hija dwar Skolasajf fejn it-tfal ikollhom attivita li ssir matul is-Sajf u jkunu jistgħu jużaw it-talenti tagħhom u jibqgħu jżommu kuntatt ma sħabhom. Dawk l-€ 40 li intom tħallsu jmorru biex minhom jitħallsu l-helpers li jammontaw għal bejn € 180 u € 240 kull persuna (skont l-attendenza). Il-Kunsill bħas snin ta qabel ħa ħsieb li jipprovdi certa materjal huwa ħalli kulħadd ikun jista jieħu sehem.

Matul din is-sena ukoll bħalma ġara fi snin oħrajn, erġajna ħdimna mal-Ministeru tas-Saħħa sabiex nipprovdu t-titqiba kontra l-influwenza li nafu kemm hija bżonnjuża għal anzjani jew dawk li għandhom xi problemi ta saħħa.

Ma nqasnix li naħdmu biex jinġiebu inizjattivi biex it-tfal tagħkom ikunu impenjatti aktar

## Kultura

Jum Ħal Luqa hija l-attivita ewlenija li tkun organiżżata kull sena sabiex nikkomemoraw dik il-ġurnata meta Ħal Luqa saret parroċċa. Għas sena 2013 Ħal Luqa l-Kunsill Lokali għoġbu jinnomina b' vot unanimu lill-Onor. Silvio Schembri għas servizz li huwa ta speċjalment lill diversi għaqdiet biex jkunu jistgħu japplikaw għall fondi ewropej. L-Onor. Schembri jitqies ukoll bħala wieħed mill-iżgħar membri parlamentari fejn għal Ħal Luqa huwa għamel unur kbir. Did-darba wkoll il-Kunsill Lokali organiżża varjeta umoristika li kienet milqugħa tajjeb minn dawk li attendew għaliha.

Okkażżjonijiet bħal dawn jservu lill-Kunsill Lokali biex ikun jista jagħti opportunita lill-Għaqdiet tal-lokal ċans biex huma jagħtu servizz u jitħallsu mill-Kunsill għal dak is-servizz li huma jkunu taw. Biżejjed hawnhekk ngħidu li waqt Jum Ħal Luqa ħadu sehem ukoll Luqa St. Andrew's FC u anki l-choir tal-lokalit barra ż-żewġ każini. Il-Kunsill Lokali barra milli jħallas għal servizzi ta din in-natura jgħin biex jiffaċilta l-organiżżazzjoni tal-attivitajiet li jsiru mill-Għaqdiet billi fejn ikun hemm bżonn iġġib wardens u jagħmel pubblikazzjonijiet fil-Gażżetta tal-Gvern għal egħluq tat-toroq. Inizjattiva oħra li ħa l-Kunsill Lokali li biha ibbenefikaw l-għaqdiet tal-lokal kienet organiżżazzjoni biex isiru mixgħela tal-Milied fejn iż-żewġ każini ħejjew disinnji moderni għad dwal u għamlu larmar huma. Din l-inizjattiva aparti li bbenefika miunnha l-Kunsill Lokali serviet ukoll t' opportunita fejn il-Każini setgħu juru x talenti għandhom fost il-membri tagħhom.

Il-Ġimgħa l-Kbira ġewwa Ħal Luqa hija żmien fejn ħafna dilettanti jesponu t-talenti tagħhom f' wirjiet u attivitajiet oħra organiżżati għall din l-okkażżjoni. Il-Kunsill Lokali wkoll matul is-sena l-oħra tella wirja fejn ġew esebitti l-vari tas-Sur. Malcolm Muscat ġewwa l-Knisja tal-Madonna tal-Ftajjar. Din il-wirja kienet qed tiġi organiżżata l-ewwel darba u fuq feedback li kien hemm se terġa tkun organiżżata drabi oħra. Il-Kunsill Lokali hawnhekk ta minn issemmi li biexikompli jgħin lill dawn l-Għaqdiet jew individwi li jtellgħu dawn il-wirjiet jippubblika artiklu fil-ġurnali fejn jirreferi għall wirjiet u fejn dawn ikunu qed jiġu organiżżati.

Il-ħarġiet kulturali baqgħu dejjem ikunu imfittxija mill-adulti u l-anzjani fejn is-sena l-oħra il-Kunsill Lokali organiżża ħarġa kulturali għal Bird Park u anki kien hemm il-ħarġa mistennija tas-Sajf għall Għawdex. Biex ikunu organniżati dawn it-tip ta ħarġiet il-Kunsill Lokali għalkemm jagħeml l-għalmu tiegħu kollu biex iġġib prezzijiet tajbin dejjem ikun hemm il-bżonn li dawn il-ħarġiet ikunu issusidjati biex ikunu jistgħu jintlaħqu aktar mir-residenti ta kull eta. Matul ix-xahar ta' Diċmebru reġgħet saret ukoll il-ħarġa għall Betlehem f' Għajnsielem li din kienet dejjem success għal Kunsill Lokali u fuq l-attendenza tar-residenti stess il-Kunsill Lokali iħossu inkoraġatt li jkompli jorganiżża ħarġiet bħal dawn.

## Infrastruttura

Kif kien imwiegħed fil-manifest elettorali l-Kunsill Lokali kompla bix-xogħolijiet fuq it-toroq fejn is-sena l-oħra wara ħafna taħbit ma' Transport Malta saret Triq Anton Falzon. Transport Malta ħadu ħsieb ix-xogħolijiet li kellhom x' jaqsmu mal-water culverts tat-triq filwaqt li l-Kunsill Lokali pproċeda bit-tarmac, bankini u servizzi. Din it-triq saret bħala parti mill-iskema tal-PPP li kien applika għaliha l-Kunsill Lokali u għalkemm mhux xi waħda mill-akbar toroq ġiet tiswa madwar € 47,000.

ewwel darba lil Triq Patri Indri Schembri. Din it-triq ġiet tiswa madwar € 33,000 u saret kompletament mill-fondi tal-Kunsill.

Ta minn ikun jaf li l-Kunsill Lokali ħafna drabi ikollu jidħol fuq spejjeż ta bankini ġodda intortament billi kull darba li ssir triq bir-resurfacing, Water Services Corporation jgħaddu servizzi ġodda tal ilma u li b' konsegwenza t' hekk jispiċċaw jitkissru l-bankini kollha. Din il-problema iżżid drastikament fl-ispejjeż relatatti mat-toroq peress li x-xogħolijiet tal-bankini jiswa daqs dak tat-tarmac.

Barra mix-xogħolijiet tar-resurfacing il-Kunsill Lokali ta sikwit jagħmel xogħol ta patching fit-toroq speċjalment wara xi maltempata bix-xita. Hawnhekk in-nefqa fuq dan biss titla iktar minn € 4,000 fuq xkejjer ta cold asphalt.

Barra minn dan l-att ta minn issemmi li l-Kunsill għadu jagħmel pressjoni kontinwa fuq toroq li kienu imwiegħda mill-Gvern Ċentrali u s' issa għadhom ma sarux. Minn dawn it-toroq jonqos isiru Triq Sebastiano Saliba u Triq Ġużeppi Ellul. Hemm ukoll problemi oħra li l-Kunsill Lokali jagħmel pressjoni kbira fuqhom u li għandhom x' jaqsmu ma nuqqas ta street lighting speċjalment f' toroq bħalma huma Triq Valletta u Triq Ħal Farruġ. Dawn it-toroq għandhom ukoll problema ta ħofor u manutenzjoni u li bħala toroq ma jaqgħux taħt ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali. Biżejjed ngħidu li l-Kunsill Lokali kellu anki laqgħa mal-Ministeru tal-Enerġija fejn ressaq dawn l-ilmenti.

Ir-riforma fit-trasport pubbliku inbdiet fuq sieq zoppa, fejn waħda mill-problema għandha x taqsam man-nuqqas ta karozzi li jkun hawn għad dispożizzjoni tar-residenti. Laqgħa oħra saret mal-Ministru tat-Trasport u Infrastruttura fejn ġejna imwiegħda li intom ir-residenti se jkollkom servizz tat-trasport pubbliku li jgħaddi minn Ħal Luqa kull kwarta. Se tkun qed terġa tintuża r-rotta l-antika u jkunu jistgħu jintlaħqu postijiet fejn dawn mhux qed jintlaħqu biżejjed.

## Amministrazzjoni

Bejn is-sena l-oħra u din is-sena l-Kunsill Lokali għamel evalwazzjoni ta dawk it-tenders li kien hemm rigward is-soft areas, tal-ġbir tal-iskart u dak tal-knis fost it-tenders li għandu l-Kunsill Lokali billi dawn kien wasal biex jagħlqilhom il-perjodu tal-operat lill-Kunsill Lokali. Dwar it-tender tas-soft areas il-Kunsill ħass li dan mhux qed ikun vantaġġjuż b' paragun mal-flus li kien qed iħallas il-Kunsill għall ma dak li kien qed jingħata in kambju u b' hekk dan it-tender ġie terminat.

Giet ukoll tackled il-kwistjoni li kienet qed tinħoloq minn naħa tal-kollettur tal-iskart imħallat fejn dan ġie imressaq għall meeting u ingħata diversi twissijiet sabiex huwa jirranġa l-operat tiegħu. Minn naħa l-oħra l-Kunsill Lokali qed iżomm kuntatt kontinwu ma dawn il-kuntratturi fejn l-ilmenti tar-residenti qed jiutressqu għall attenzjoni tal-kuntrattur ikkonċernat.

Bħalma ġara wkoll f' Kunsill oħra ġewwa Malta u Għawdex il-Kunsill Lokali ta Ħal Luqa innomina l-ewwel ambaxxatur tal-Kunsill, is-Sinjorina Trischia Falzon li bħala impenni hija trid tirrappreżenta lk-Kunsill Lokali f' okkażżjonijiet importanti kif ukoll tista tipparteċipa waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Matul dan it-terminu is-Sinjorina Falzon attendiet għal okkażżjoni li kienet ippreparata fl-egħluq tal-20 sena anniversarju.

resurfacing ta sqaqien rurali li għalih il-Kunsill Lokali se jingħata s-somma ta madwar € 33,000. Proġett ieħor huwa relatatt ma embellishment fi Triq Ħal Saflieni u Triq Patri Indri Schembri li se jkun jikkonsisti fuq bankini u street lighting.

Fuq l-ilmenti nista nassigurakom li dawk l-ilmenti li intom tressqu b' mod persistenti, dawn qed jigu tackled mal-Awtoritajiet konċernati anki ma Ministeri u entitajiet għoljin. Nista hawnhekk insemmi ilmenti marbuta mal-bus shelters u oħrajn relatatti mal-imaniġġjar tat-traffiku li bħala Kunsill isiru bosta reminders u telefonati, għax qatt ma nistgħu nistennew il-mana tiġi f' ħalqna imma irridu niġġieldu għaliha. Hawnhekk nagħmel aċċern li tinqabad prattika tajba u ħadd ma jasal biex jagħmel ġudizzji fuq il-ħidma tal-Kunsill fuq dak li jara jew li jisma. Ikun ferm għaqli li wieħed iżżur il-Kunsill u jitlob l-informazzjoni li jrid biex ikollu l-istampa ċara u l-provi fuq il-ħidma tal-Kunsill.

# BUDGET

# 2014

# *ADMINISTRATIVE REPORT 2013*

## CONSOLIDATED INCOME AND EXPENDITURE

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>STIMA<br>2013<br>(€) | b<br>ATTWALI<br>2013<br>(€) | c<br>STIMA<br>2014<br>(€) | c-a/a-c<br>VAR<br>STI - STI<br>(€) | c-b/b-c<br>VAR<br>STI - ATT<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Dħul | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 368,744.00 | 372,528.00 | 358,696.00 | (10,048.00) | (13,832.00) |
| 0020 | Bye-laws | 10,000.00 | 20,824.00 | 11,000.00 | 1,000.00 | (9,824.00) |
| 0090 | Investiment | 3,000.00 | 2,329.00 | 2,200.00 | (800.00) | (129.00) |
| | TOTAL | **381,744.00** | **395,681.00** | **371,896.00** | (9,848.00) | (23,785.00) |
| 1 | Infiq | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 85,115.34 | 92,007.20 | 108,456.83 | (23,341.49) | (16,449.63) |
| 2000 | Manutensjoni u Xogħolijiet oħra | 161,502.34 | 226,570.00 | 192,269.16 | (30,766.82) | 34,300.84 |
| 7000 | Infiq Kapitali | 465,459.80 | 40,000.00 | 68,000.00 | 397,459.80 | (28,000.00) |
| | TOTAL | **712,077.48** | **358,577.20** | **368,725.99** | **343,351.49** | (10,148.79) |
| | Bilanċ | **(330,333.48)** | **37,103.80** | **3,170.01** | (353,199.49) | (33,933.79) |

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>STIMA<br>2013<br>(€) | b<br>ATTWALI<br>2013<br>(€) | c<br>STIMA<br>2014<br>(€) | c-a<br>VAR<br>STI - STI<br>(€) | c-b<br>VAR<br>STI - ATT<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Dhul** | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | | |
| 0001 | Annwali | 356,744.00 | 356,624.00 | 356,196.00 | (548.00) | (428.00) |
| 0002 | Supplimentari | | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Speċjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjoni Publika/Governattiva | | | | | |
| 0015 | Ohrajn | 12,000.00 | 15,904.00 | 2,500.00 | (9,500.00) | (13,404.00) |
| | | **368,744.00** | **372,528.00** | **358,696.00** | **(10,048.00)** | [illegible] |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 10,000.00 | 12,781.00 | 11,000.00 | 1,000.00 | (1,781.00) |
| 0056 | Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| 0066 | Ienerali | | 8,043.00 | | | (8,043.00) |
| | | **10,000.00** | **20,824.00** | **11,000.00** | **1,000.00** | **(9,824.00)** |
| 0090 | Investiment | | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 3,000.00 | 2,329.00 | 2,200.00 | (800.00) | (129.00) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **3,000.00** | **2,329.00** | **2,200.00** | **(800.00)** | **(129.00)** |
| | TOTAL | **381,744.00** | **395,681.00** | **371,896.00** | **(9,848.00)** | **(23,785.00)** |

# *ADMINISTRATIVE REPORT 2013*

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>STIMA 2013 (€) | b<br>ATTWALI 2013 (€) | c<br>STIMA 2014 (€) | a-c<br>VAR STI - STI (€) | b-c<br>VAR STI - ATT (€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Infiq | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 9,435.97 | 9,779.00 | 9,509.76 | (23.79) | 269.24 |
| 1150 | Allowance lil Kunsilliera | 8,400.00 | 8,800.00 | 8,800.00 | | |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 58,273.93 | 59,222.53 | 60,181.93 | (1,908.00) | [illegible] |
| 1300 | Bonus | 1,537.00 | 1,537.38 | 1,537.38 | (0.38) | |
| 1400 | Dóul Supplimentari | | 4,355.29 | 4,489.20 | (4,489.20) | (133.91) |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Socjali | 5,354.44 | 6,045.00 | 21,600.00 | (16,245.56) | (15,555.00) |
| 1600 | 'Allowances' | | | | | |
| 1700 | 'Overtime' | 2,064.00 | 2,268.00 | 2,338.56 | (274.56) | (70.56) |
| | | 85,115.34 | 92,097.20 | 108,456.83 | (22,941.49) | [illegible] |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 5,000.00 | 7,941.00 | 9,000.00 | (4,000.00) | (1,059.00) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Sup.) | 2,000.00 | 3,194.00 | 5,000.00 | (3,000.00) | (1,806.00) |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 15,000.00 | 29,350.00 | 15,000.00 | | 14,350.00 |
| 2400 | Kera | 1,558.34 | 1,819.00 | 1,819.00 | (260.66) | |
| 2500 | Shubija f'Assocjazzjonijiet Int. | | | | | |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficju | 4,500.00 | 3,495.00 | 3500 | 1,000.00 | (5.00) |
| 2700 | Trasport | 950.00 | 1,051.00 | 800.00 | 150.00 | 251.00 |
| 2800 | Vjaggar/safar | | - | | | |
| 2900 | Informazzjoni ghal-Publiku | 2,000.00 | 1,754.00 | 3,000.00 | (1,000.00) | (1,246.00) |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 92,894.00 | 128,273.00 | 111,150.16 | (18,256.16) | 17,122.84 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 20,000.00 | 16,780.00 | 18,000.00 | 2,000.00 | (1,220.00) |
| 3200 | Training | | - | | | |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 13,000.00 | 23,734.00 | 15,000.00 | (2,000.00) | 8,734.00 |
| 3600 | Spejjez LES | 3,600.00 | 9,179.00 | 8,000.00 | (4,400.00) | 1,179.00 |
| 3400 | Spejjes Incidentali | 1,000.00 | - | 2,000.00 | (1,000.00) | (2,000.00) |
| | | 161,502.34 | 226,570.00 | 192,269.16 | (30,766.82) | 34,300.84 |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | 102,802.45 | 30,000.00 | | 102,802.45 | 30,000.00 |
| 7200 | Tijib | 67,657.35 | | 30,000.00 | 37,657.35 | (30,000.00) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | 10,000.00 | 18,000.00 | (18,000.00) | (8,000.00) |
| 7300 | Progetti Specjali | 295,000.00 | - | 20000.00 | 275,000.00 | (20,000.00) |
| | | 465,459.80 | 40,000.00 | 68,000.00 | 397,459.80 | (28,000.00) |
| | TOTAL | 712,077.48 | 358,577.20 | 368,725.99 | 343,751.49 | (10,148.79) |

# ADMINISTRATIVE REPORT 2013

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | QTR 4 OCT-DEC 2013 (€) | QTR 1 JAN-MAR 2014 (€) | QTR 2 APR-JUN 2014 (€) | QTR 3 JUL-SEP 2014 (€) | QTR 4 OCT-DEC 2014 (€) | TOTAL 2014 (€) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Dhul | | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 89,156.00 | 89,049.00 | 89,049.00 | 89,049.00 | 89,049.00 | 356,196.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | 72,000.00 | 72,000.00 | 72,000.00 | 72,000.00 | 288,000.00 |
| 0004 | Entitajiet Publici/Governattivi | | | | | | |
| 0015 | Ohrajn | | | 1,500.00 | | | 1,500.00 |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 1,778.59 | | | | | |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet - LES | 3,195.25 | 2,750.00 | 2,750.00 | 2,750.00 | 2,750.00 | 11,000.00 |
| 0056 | Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | | |
| 0066 | Generali | | | | | | |
| 0090 | Investiment | | | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 582.25 | 550.00 | 550.00 | 550.00 | 550.00 | 2,200.00 |
| | TOTAL | 94,712.09 | 164,349.00 | 165,849.00 | 164,349.00 | 164,349.00 | 658,896.00 |
| 1 | Infieq | | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 2,444.75 | 2,377.44 | 2,377.44 | 2,377.44 | 2,377.44 | 9,509.76 |
| 1150 | Allowance lil-kunsilliera | 2,200.00 | 2,200.00 | 2,200.00 | 2,200.00 | 2,200.00 | 8,800.00 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 14,805.63 | 15,045.48 | 15,045.48 | 15,045.48 | 15,045.48 | 60,181.92 |
| 1300 | Bonus | 384.34 | 384.34 | 384.34 | 384.34 | 384.34 | 1,537.36 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 1,088.82 | 1,122.30 | 1,122.30 | 1,122.30 | 1,122.30 | [illegible] |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Socjali | 1,511.25 | 5,400.00 | 5,400.00 | 5,400.00 | 5,400.00 | 21,600.00 |
| 1600 | 'Allowances' | | | | | | |
| 1700 | 'Overtime' | 639.72 | 584.64 | 584.64 | 584.64 | 584.64 | 2,338.56 |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | | | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 1,985.25 | 2,250.00 | 2,250.00 | 2,250.00 | 2,250.00 | 9,000.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 253.10 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 7,337.50 | 3,750.00 | 3,750.00 | 3,750.00 | 3,750.00 | 15,000.00 |
| 2400 | Kera | 454.75 | 454.75 | 454.75 | 454.75 | 454.75 | 1,819.00 |
| 2500 | Shubija f'Assocjazzjonijiet Internazzjonali | | | | | | |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficju | 873.75 | 875.00 | 875.00 | 875.00 | 875.00 | 3,500.00 |
| 2700 | Trasport | 262.75 | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 800.00 |
| 2800 | Vjaggar/safar | | | | | | |
| 2900 | Informazzjoni ᵹall-Publiku | 438.50 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 32,068.25 | 27,787.54 | 27,787.54 | 27,787.54 | 27,787.54 | 111,150.16 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 4,195.00 | 4,500.00 | 4,500.00 | 4,500.00 | 4,500.00 | [illegible] |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 7,183.50 | 3,750.00 | 3,750.00 | 3,750.00 | 3,750.00 | 15,000.00 |
| 3600 | Spejjez ta' LES | 2,294.75 | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 8,000.00 |
| 3400 | Spejjez Incidentali | | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | | |
| 7100 | Bini | 7,500.00 | | | | | |
| 7200 | Titjib | | 7,500.00 | 7,500.00 | 7,500.00 | 7,500.00 | 30,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 20,000.00 |
| | TOTAL | 90,421.61 | 88,181.49 | 88,181.49 | 88,181.49 | 88,181.49 | 352,725.96 |
| | SURPLUS/DEFICIT | 4,290.48 | 76,167.51 | 77,667.51 | 76,167.51 | 76,167.51 | 306,170.04 |
| | BROUGHT FORWARD | 492,033.52 | 496,324.00 | 572,491.51 | 650,159.02 | 726,326.53 | 496,324.00 |
| | CARRY FORWARD | 496,324.00 | 572,491.51 | 650,159.02 | 726,326.53 | 802,494.04 | 802,494.04 |